# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 197/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**CP**

**vs**

**JM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CP datat 19 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illli l-partijiet izzewwgu fil-hdax ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (11.11.2011) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom lil EMP li twieldet fit-tmienja u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (28.10.2012).*
>
> *Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Dottor Bartholomeo Micallef li gie ppubblikat fl-erbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (14.10.2015) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B. Illi dana l-kuntratt gie sussegwentament emendat permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elizabeth Sciriha u li gie ppubblikat fit-tlieta ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (03.08.2020), liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok C.*

*Illi l-partijiet ilhom il-fuq minn erba' snin isseparati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni. Illi r-rikorrenti qeghda f'relazzjoni ohra. Illi skont il-kuntratt tan-Nutar Dottor Bartholomeo Micallef li gie ppubblikat fl-erbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (14.10.2015) ittra rumani tnejn (ii) il-konvenut ghandu jghaddi manteniment kull erba' gimghat lir-rikorrenti ghal Minuri E. Illi l-konvenut qieghed jghaddi tali manteniment b'mod regolari u ma hemm l-ebda pendenzi f'dana s-sens.*

*Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment versu xulxin stante li huma iddekadew ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin u dana skont klawzola ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.*

*Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok D ;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit u gie spjegat lilu id-drittijiet legali tieghu ghal assistenza legali

izda hu ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u ma ghandux oggezzjoni ghal ghoti tad-divorzju; (vide fol 23);

Rat illi l-partijiet stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 23);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CP xehdet** (vide affidavit Dok D, fol 15) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-11 ta' Novembru 2011 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Ottubru 2015 fl-atti tan- Nutar Dr Bartholomeo Micallef. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li hija ghandha relazzjoni ma persuna ohra. Di piu' xehdet illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**JM** xehed (vide fol 24) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

*flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Novembru 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 2465/2011 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Bartholomeo Micallef nhar l-10 ta' Ottubru 2015 (vide Dok. B fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2465/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**